MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 425/2005

**HSBC BANK (MALTA) p.l.c**

**vs**

**Joseph AZZOPARDI u Pauline mart l-istess Joseph Azzopardi**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentata fl-4 ta' Mejju, 2005, li bih s-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet:

Illi in forza ta' żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Said tat-30 t'Awwissu 1995 u tad-19 t'April 1996, il-bank attur kien ta' żewġ faċilitajiet ta' *overdraft* lis-soċjeta' Flower Land and Nursery Co. Ltd l-ewwel waħda sas-somma ta' sebgħin elf Lira (Lm70,000) u t-tieni waħda sas-somma ta' ħmistax-il elf Lira (Lm15,000) – dokument "A" u "B";

Illi fuq dawn iż-żewġ atti deheru il-konvenuti konjuġi Joseph Azzopardi u Pauline Azzopardi sabiex jidħlu bħala garanti solidali mas-soċjeta' imsemmija għad-djun kollha tagħha mal-bank attur;

Illi l-istess konvenuti iffirmaw tliet skritturi privati ta' fidejussjoni fejn huma wkoll daħlu ġaranti versu l-bank attur sabiex ikomplu jagħmlu tajjeb in via solidali għall-imsemmija djun tal-imsemmija soċjeta'. Dawn l-iskritturi huma datati 19 t'April 1996, 25 ta' Ġunju 1997 u 1 t'Ottubru 1999, u fuqhom rispettivament il-konvenuti obbligaw ruħhom li jagħmlu tajjeb għas-somom rispettivi ta' mija w ħamsa w tletin elf Lira (Lm135,000), ħmistax il-elf Lira (Lm15,000) u disgħa w għoxrin elf Lira (Lm29,000) – dokumenti "C", "D", u "E";

Illi s-soċjeta' Flower Land and Nursery Co. Ltd. kienet wettqet a favur tal-bank attur, att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Falzon tas-26 ta' Ġunju 2003 – dokument "F" – illi bih l-istess soċjeta' ikkostitwit ruħha bħala debitriċi ta' dejn ċert, likwidu u dovut a favur tal-bank attur fis-somma ta' tnejn u disgħin elf, mija u disgħa w disgħin Lira u sebgħin ċenteżmu (Lm92,199.70), kif ukoll għas-somma ta' elfejn, erba' mija u tmienja w disgħin Lira u disgħa w disgħin ċenteżmu (Lm2,498.99) rappreżentanti l-imgħax dekorsi sal-pubblikazzjoni tal-imsemmi att ta' kostituzzjoni;

Illi permezz ta’ ittra uffiċjali tal-10 t’Awwissu 2004 – dokument “G” – il-bank attur irrenda il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu titolu eżekuttiv.

Illi peress illi fl-istess data il-bank attur interpella lill-konvenuti sabiex jersqu għall-ħlas tas-somma dovuta mis-soċjeta’ Flower Land and Nursery Company Limited, bħala garanti solidali magħha – dokument “H”, iżda il-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Illi fuq l-iskritturi eżibiti bħala dokument C, D u E, il-klawsola 8 tistipula illi l-garanti huwa marbut b’kull ammissjoni ta’ kreditu magħmula mid-debitur prinċipali, u li dawn l-iskritturi ġew firmati miż-żewġ konvenuti;

Illi l-konvenuti bħala garanti solidali kif spjegat huma debituri lejn il-bank attur fis-somma ta’ tnejn u disgħin elf, mija u disgħa w disgħin Lira u sebgħin ċenteżmu (Lm92.199.70), bl-imgħax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-26 ta’ Ġunju 2003, kif ukoll fis-somma ta’ elfejn, erba’ mija u tmienja w disgħin Lira u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm2,498.99) rappreżentanti l-imgħax dekorsi sal-pubblikazzjoni tal-imsemmi att ta’ kostituzzjoni.

Illi dan id-debitu huwa wieħed ċert, likwidu u dovut, u il-prokuratur legali Jonathan de Maria impjegat tal-bank attur, debitament awtorizzat, ħalef illi l-konvenuti m’għandhomx eċċezzjoni x’jagħtu għat-talba infraskritta.

Għaldaqstant, is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi, prevja li

tgħaddi s-sentenza bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti solidalment bejniethom huma debituri lejn il-bank attur fis-somma ta’ tnejn u disgħin elf, mija u disgħa w disgħin Lira u sebgħin ċenteżmu (Lm92,199.70), bl-imgħax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-26 ta’ Ġunju 2003, kif ukoll fis-somma ta’ elfejn erba’ mija u tmienja w disgħin Lira u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm2,498.99) rappreżentanti l-imgħax dekorsi sal-pubblikazzjoni tal-imsemmi att ta’ kostituzzjoni; u

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu is-somma imsemmija bl-imgħax sal-effettiv ħlas lill-bank attur, u dana bl-ispejjeż, inklużi tal-ittri uffiċjali imsemmija kontra l-konvenuti li jibqgħu inġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenuti li naqset li jippreżentaw nota ta’ eċċezzjonijiet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta’ attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi **tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------